*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta*: Bertelsmann AG (Gütersloh, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Chappatte u J. Boyce, solicitors); Sony BMG Music Entertainment BV (Vianen, l-Olanda); u Sony Corporation of America (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: N. Levy, barrister, R. Snelders u T. Graf, avukati)

**Suġġett**

L-annullament tad-Deċiżjoni 2005/188/KE tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Lulju 2004, li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/M.3333 — Sony/BMG) (ĠU 2005, L 62, p. 30).

**Dispożittiv**

1) *M'hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

---

[1] ĠU C 6, 8.1.2005.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2009 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-114/08 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Terminu raġonevoli għall-preżentata ta' talba għal kumpens — Dewmien — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2009/C 205/70)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Novembru 2007, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-21/07, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u li huwa intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

[1] ĠU C 107, 26.4.2008.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Ġunju 2009 — Securvita vs UASI (Natur-Aktien-Index)**

**(Kawża T-285/08)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Komunitarja Natur-Aktien Index — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Talba għal riforma — Inammissibbiltà manifesta")***

(2009/C 205/71)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Securvita — Gesellschaft zur Entwicklung alternativer Versicherungskonzepte mbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. van Eendenburg, C. Uhlig u J. Nabert, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Mejju 2008 (Każ R 525/2007-4), li tikkonċerna applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Natur-Aktien-Index bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Securvita Gesellschaft zur Entwicklung alternativer Versicherungskonzepte mbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 247, 27.09.2008.